MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 34/2003

**Sonia Sinclair Stevenson Linblad**

**vs**

**A.F. Ellis Ltd.**

**u**

**b'digriet tat-2 ta' Mejju 2003**
**l-isem tal-kumpanija konvenuta gie mibdul biex jaqra**
**"A.F. Ellis (Marble Works) Ltd."**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi s-socjeta' konvenuta bieghet u ikkonsenjat lill-attrici madum ta' gebla naturali sabiex jitpogga madwar

*swimming pool* fis-27 ta' Marzu 2002 (Ara invoice immarkata Dok SS1);

Peress illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tirreklama dan il-madum bhala *coping* ghall-madwar *swimming pool* u ghalhekk adattat sabiex joqghod madwar *swimming pool*;

Peress illi l-attrici marret mal-perita taghha u xtrat dan il-madum hekk irreklamat bhala *coping* ghal madwar *swimming pool* wara li gew assikurati minn rapprezentanti ta' l-istess socjeta' illi dan il-madum kien addattat ghal madwar *swimming pool*;

Peress illi inqas minn tliet xhur wara illi tpogga dan il-*coping*, beda jidher illi diversi madumiet thassru u bdew jitmermru u dan kif jidher mir-rapport tal-Perit Karmenu Borg hawn anness u mmarkat Dok SS2.

Peress illi meta l-attrici infurmat lis-socjeta' konvenuta b'din il-hsara, rapprezentant ta' l-imsemmija kumpanija qaltilha illi dan kien x'aktarx minhabba l-fatt illi l-madum kien intmess b'xi kimika;

Peress illi huwa normali illi l-ilma tal-*pool* ikun ittrattat b'xi kimika, u x'aktarx bil-*chlorine*, u l-unika kimika illi setghet messet ma' dan il-madum kienet gejja mill-ilma tal-*pool*;

Peress illi is-socjeta' konvenuta qarrqet bl-attrici meta qaltilha illi dan il-*coping* huwa adattat ghal madwar *pool* meta kienet taf tajjeb illi il-madum ma kienx hekk adattat;

Peress illi, ghal dawn ir-ragunijiet, il-madum konsenjat lill-attrici mis-socjeta' konvenuta ma kienx tal-kwalita' miftiehma, u l-attrici ghalhekk ghandha l-jedd illi tirrifjuta l-haga u titlob id-danni:

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghala ma ghandux dan it-tribunal:

1. jiddikjara illi l-madum konsenjat lill-attrici ma kienx tal-kwalita' miftiehma billi, kontra l-assikurazzjoni moghtija lill-attrici mis-socjeta' konvenuta, ma kienx tajjeb biex jitqieghed hdejn *swimming pool*;

2. konsegwentement jirrexxindi l-bejgh;
3. konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lura lill-attrici l-prezz tal-bejgh, bl-imghax minn dak in-nhar tal-bejgh sa ma jithallsu lura l-flus, u l-ispejjez tal-bejgh;
4. jillikwida d-danni billi jiddikjara illi jikkonsistu fl-ispejjez biex tqieghed il-madum u l-ispejjez biex jerga' jinqala', zjieda fil-prezz tal-materjal u tax-xoghol, drittijiet tal-periti, u dak kollu li jirrizulta waqt is-smiegh; u
5. jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Novembru 2002 u l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2002, u l-imghax. Is-socjeta' konvenuta hija minn issa mharrka sabiex tidher ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex mhux minnu illi l-madum supplit u istallat mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita, u dan kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi infatti dan it-tip ta' madum gie stallat f'diversi *swimming pools* madwar Malta u Ghawdex u qatt ma kien hemm xi problema dwar dan it-tip ta' madum, basta naturalment il-madum jigi trattat b'mod normali. Illi lanqas huwa minnu illi kien hemm xi uhud fost il-madum illi 'tmermer' jew 'thassar' ghalkemm jista' jaghti lok illi xi madumiet urew il-pori illi normalment wiehed isib f'dan it-tip ta' madum. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, is-socjeta' konvenuta, kienet, fi sforz sabiex izzomm relazzjonijiet tajba mal-attrici, u interament minghajr pregudizzju, offriet minn jeddha illi tibdel u tissostitwixxi dawk il-ftit madum illi minnhom kienet qed tilmenta l-attrici – imma anke din l-offerta giet michuda ghaliex skond l-attrici il-kulur tal-madum ma kienx perfettament ma' dak gia imwahhal.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' x-xhieda u qara' d-dokumenti esibiti;

Ra l-verbal tas-seduta tas-16.12.2003 li permezz tieghu l-attrici cediet il-mertu u l-partijiet talbu li tinghata sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu stante c-cessjoni filwaqt li jhalli l-kawza bl-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------